Settembru 2007 • Vol 14 • Nru.3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## *Fil-Paġni ta' ġewwa*

- **Ħatra ta' Surġenti u Għoti ta' medalji għas-Servizz Twil u Effiċjenti**
- **Fl-Okkażjoni tal-193 sena mit-twaqqif tal-Korp**
- **Żjara tal-Viċi-President tal-Kummisssjoni Ewropea Franco Frattini fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja**
- **Taħriġ kontra l-irvellijiet għall-membri ta' l-iSpecial Assignment Group**

***u aktar...***

***Newspaper Post***


Building Strong Relationships...
BUZDOV
DEVELOPMENTS LTD.
Civil Engineering Contractors
'Stella Maris', Triq Il-Gubilew Tad-Djamanti, Mqabba
Tel/Fax: 21 641793 Mobile: 79424724, 79426471 E-mail: info@buzdov.com
WWW.BUZDOV.COM

Settembru 2007 • Vol 14 • Nru.3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

4 Rapport Finanzjarju

8 Il-Kelma tal-Kapillan tal-Pulizija

11 Ħatra ta' Surġenti u Għoti ta' medalji għas-Servizz Twil u Effiċjenti

13 Drinn Drinn 13

14 L-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija

22 Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija fil-155 Anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija Taljana bejn il-11 u 13 ta' Mejju, 2007 fi Piazza del Popolo, Ruma

25 Ir-Razziżmu bħala reat Kriminali (1996 – 2007)

29 Fl-Okkażjoni tal-193 sena mit-twaqqif tal-Korp

39 Żjara tal-Viċi-President tal-Kummisssjoni Ewropea Franco Frattini fil-Kwartieri Generali tal-Pulizja

41 Kompliċita' - Concursus Delinquentium

44 Apprezzamenti

46 Digital Forensics & Investigations Course at the Police Academy

52 Taħriġ kontra l-irvellijiet għall-membri ta' l-iSpecial Assignment Group

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali: **President:** Insp Kenneth Haber
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista




**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt: Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters Floriana CMR 02

**Ritratt:** Taħrig ta' l-iSpecial Assignment Group. Ara artiklu f'paġna 52.
*Ritratt fil-faċċata meħud minn Stephen Busuttil.*

© C.M.R.U. Police Headquarters, Settembru 2007

# Editorjal

*Merħba.*

Ftit ilu ġie persuna l-uffiċju jsaqsina għal ħarġa antika tal-Magazin. Sfortunatament ma stajniex naqduh għax lanqas aħna ma kellna kopja żejda. Pero' saqsi minn hawn u saqsi minn hemm irnexxielna nsibu kopja. Tkellimna fuq xogħol il-Pulizija fl-imgħoddi, u nista' ngħid li vera kienet interessanti.

Il-kliem waqa' fuq id-distribuzzjoni tal-Magazin, għax is-sinjur qallilna li mhux l-ewwel darba li sema' min igerger għax ma rċievihx. Nistqarr li mhux l-ewwel darba li ċempel pensjonant u tana ħasla għax il-Magazin ma wasalux u li huwa għadu jħallas. Dan it-tip ta' lment waslilna ukoll minn Pulizija, li għal xi raġuni ma jkunux irċievew il-Magazin.

Għaldaqstant huwa mportanti li nfehmu lil kulħadd kif taħdem is-sistema tad-distribuzzjoni tal-Magazin.

Nibdew bil-pensjonanti. L-indirizzi tal-pensjonanti jintbagħtu lill-Bord Editorjali mill-Għaqda tal-Pensjonati. Issa, sakemm l-Għaqda ma taġġornax u tibgħat il-lista ta' indirizzi tal-membri tagħha, jiġifieri tinforma lill-Bord Editorjali b'xi indirizzi li żdiedu, naqsu u/jew inbidlu, il-problema ser tibqa' dik li hija preżentament, jiġifieri minn jirċievi l-Magazin u min le.

Fil-każ tal-Pulizija, din preżentament qed tkun aġġornata mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani regolarment, u għaldaqstant dawk kollha li jinfurmaw lil dan l-Uffiċċju b'xi tibdil, dawn minn naħa tagħhom awtomatikament jinfurmaw lill-Bord Editorjali b'dan it-tibdil.

Huwa mportanti għalhekk li l-Għaqda Pensjonanti tgħaddi immedjatament lill-Bord Editorjali dawk l-indirizzi tal-membri tagħha li forsi ma rċievewx il-Magazin. Huwa ta' xejn li l-membri ta' l-Għaqda jċemplu lill-membri tal-Bord Editorjali u jgħidulhom li l-Magazin ma rċievewhx għax dawn ta' l-aħħar ma jistgħu jagħmlu xejn.

Huwa mportanti li dan il-punt jiġi mifthiehem minn kulħadd sabiex jinqata' kull inkonvenjent eżistenti. Qed ngħidu hekk għax mhux dejjem ikun baqa' kopji tal-ħarġiet preċedenti, u għalhekk ma rridu niddiżappuntaw lil ħadd.

Disinn u riklamar
**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241317, 27 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**

# Rapport Finanzjarju

Matul il-Konferenza Ġenerali Straordinarja ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta ta' nhar 02.04.2007 ġie ippreżentat ir-rapport finanzjarju li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2006 li jidher f'din il-ħarġa tal-magazine.

Ir-reġim sod ta' kif dawn ir-records jinżammu, jagħmlu unur kemm lill-persuni inkarigati minn dan, it-Teżorier is-Supritendent Raymond Vella Gregory u l-Aġent Teżorier 1st SM Charles Zammit u l-verifiki kontinwi li jsiru mill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni.

L-awdituri li jiġu eletti matul il-Konferenza Ġenerali 2005-2008, is-Supritendent Antonello Grech, l-Ispettur Carmel Abdilla u s-Surġent 1122 Arthur J Rizzo ivverifikaw dan ir-rapport.

Il-Delegati matul il-Konferenza Ġenerali Straordinarja approvaw mozzjoni sabiex dan ir-rapport jiġi ppubblikat f'dan il-magazine għal-informazzjoni tal-membri kollha. Hawn ta' min issemmi li fost spejjeż li jitħallsu mill-fondi ta' l-Assoċjazzjoni nsibu s-servizz tal-cable fl-Other Ranks Canteen u riċentement il-pannu tal-mejda l-kbira tal-biljard fl-istess canteen ġie mibdul wara li ma kienx għandu fi stat tajjeb u ġie ġentilment regalat minn PC 811 Ċensu Busuttil u l-ispejjeż involuti sabiex jitbiddel u jinxtraw xi stikek oħra, liema spejjeż jammontaw għal LM 115.05ċ wkoll ġew imħallsa mill-istess fondi.

**Balance Brought Forward from Previous Financial Report 2004 - 2005**

| | Lm |
|---|---|
| Balance Brought forward from APS Current Acc 1256983001-8 | 10,363.47 |
| Balance Brought forward from Petty Cash | |
| HSBC Fixed Deposit Account 897024950 | 10,000.00 |
| | **20,363.47** |

**Income Account for the year ended 31/12/06**

| Details | Date | Lm | Lm |
|---|---|---|---|
| Membership Fees Accounts Section: | 12/07/2005 | 64.5 | |
| | 02/09/2005 | 2,412.00 | |
| | 31/10/2005 | 2,361.00 | |
| | 14/02/2006 | 2,692.50 | |
| | 01/06/2006 | 2,467.50 | |
| | 03/07/2006 | 106.5 | |
| | 16/09/2006 | 2,457.00 | |
| | 06/12/2006 | 2,503.50 | |
| Total Income From Memberships | | | 15,064.50 |
| Interest from APS Current Account No. 1256983001-8 | 31/12/2005 | | 68.87 |
| | 31/12/2006 | | 67.48 |
| Interest from HSBC Fixed Account No. 897024950 | | | 270.00 |
| TOTAL INCOME | | | **15,470.85** |
| | | | |
| | | | |
| Interest from BOV Fixed Account No. 40014730999 | | | 142.50 |
| TOTAL INCOME | | | **142.50** |


stylish
BATHROOM
CENTRE
I Choose
the easiest way to shop !
Late Night Shopping
Mon - Fri: 12pm till 10pm
Saturday: 9am till 7pm
Edge Water Complex, Elia Zammit Str, St.Julians
Tel: 21 38 25 12

## Expenditure Account for the year ended 31/12/06

| Details | Date | CHQ No. | Lm | Lm |
|---|---|---|---|---|
| Expenditure Account for the year ended 31/12/06 | 06/06/05 | 104 | 28.76 | |
| Details | 22/06/05 | 107 | 21.57 | |
| Onvol Internet | 29.08.05 | 110 | 7.19 | |
| | 02/11/05 | 120 | 7.19 | |
| | 22/12/05 | 129 | 21.57 | |
| | 12/01/06 | 131 | 7.19 | |
| | 01/03/06 | 134 | 7.19 | |
| | 05/04/06 | 138 | 7.19 | |
| | 23/05/06 | 146 | 14.38 | |
| | 30/06/06 | 148 | 7.19 | 129.42 |
| Maltacom | 16/06/05 | 105 | 33.89 | |
| | 11/08/05 | 109 | 35.51 | |
| | 20/10/05 | 118 | 33.36 | |
| | 10/12/05 | 126 | 29.55 | |
| | 14/02/06 | 133 | 37.34 | |
| | 17/04/06 | 140 | 27.60 | |
| | 14/06/06 | 147 | 24.95 | 222.20 |
| Horace Enterprises | 23/08/05 | 111 | | 70.00 |
| Sant Travel | 26/08/05 | 112 | | 390.00 |
| Foreign exchange | 31/08/05 | 114 | | 200.00 |
| Police Museum | 11/08/05 | 108 | 12.00 | |
| | 05/04/06 | 139 | 12.00 | 24.00 |
| Bulgaria Hotel | 20/09/05 | 115 | | 119.37 |
| Website Fee | 23/08/05 | 113 | | 31.86 |
| Maltapost | 07/10/05 | 117 | | 8.17 |
| Melita Cable | 20/10/05 | 119 | | 39.93 |
| Error Bank Fee | 28/09/05 | | | 3.00 |
| Corex International | 29/11/05 | 122 | | 848.00 |
| Avantech | 29/11/05 | 123 | | 80.00 |
| Proprint | 30/11/05 | 124 | | 120.00 |
| AML | 30/11/05 | 125 | | 24.37 |
| James Cateres | 15/12/05 | 127 | | 175.80 |
| Ta' Reuben Company | 20/12/05 | 128 | | 164.68 |
| Datax Computer | 24/01/06 | 130 | | 34.21 |
| Xmas Party | 02/02/06 | 132 | | 3,532.23 |
| CESP Fee | 02/03/06 | 135 | 1,333.34 | |
| | 17/03/06 | 136 | 218.60 | 1551.94 |
| Air Fare CESP: | 03/04/06 | 137 | 231.50 | |
| Germany Visit | 26/04/06 | 141 | 97.26 | |
| Croatia Visit | 09/05/06 | 142 | 336.00 | |
| Croatia Visit | 09/05/06 | 143 | 262.00 | 926.76 |
| Exchange Money | 10/05/06 | 144 | | 221.05 |
| Island Beverages | 11/12/06 | 164 | | 27.00 |
| A.Piscopo | 11/12/06 | 162 | 209.46 | |
| | 21/12/06 | 165 | 37.63 | 247.09 |
| Fenbros | 21/12/06 | 167 | 22.31 | |
| | 21/12/06 | 166 | 26.85 | 49.16 |
| **TOTAL EXPENDITURE** | | | | **9,240.24** |

## Income and Expenditure Account for the year ended 31/12/06

| | Lm |
|---|---|
| Total Income | 15,470.85 |
| Total Expenditure | 9,240.24 |
| | **6,230.61** |
| Deposit from APS account to BOV account (cheque No. 121 refers) | 5,000.00 |
| SURPLUS | **1,230.61** |
| | |
| Interests of BOV Fixed Deposit Account No. 40014730999 | 142.50 |

## Transfer of surplus to APS Current Account

| | Lm |
|---|---|
| Balance ending 31/05/05 | 10,363.47 |
| Add Surplus | 1,230.61 |
| Balance ending 31/12/06 | 11,594.08 |

## New Balances

| | Lm |
|---|---|
| Closing Balance for APS Current Acc No. 1256983001-8 | 11,594.08 |
| Closing Balance For Petty Cash | |
| HSBC Fixed Deposit Account No. 897024950 | 10,000.00 |
| BOV Fixed Deposit Account No. 40014730999 | 5,142.50 |
| | **26,736.58** |


Own the road
FIA
Manufacturers World Rally Champions
Ford 2006
WRC
FIA WORLD RALLY CHAMPIONSHIP
The Atlantic Road, Norway: 8kms of road spanning over the ocean, 8 majestic bridges and a hotspot for dangerous and powerful storms. This road is perfect for demonstrating the driving control of the Focus. "At higher speeds, ride quality is excellent. Tenacious grip, wonderful body control and sharp steering make the Focus class leader in this area." – whatcar.com
FordFocus | Feel the difference
Ford
7/7
7% Interest for up to 7 years on Hire Purchase Payments
Ford
GASAN
GROUP OF COMPANIES
PART EXCHANGE? NO PROBLEM!
Gasan Automotive Centre, Mriehel Bypass, Mriehel BKR 3000 Tel: 27442030 Fax: 27442007
Gozo Garage, Victoria. Tel: 21551866
e-mail: automotive@gasan.com web site: www.ford.com.mt
4U



Fr Raymond Bonniċi OFM, Cap

# "Ħenjin dawk li huma ippersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" Mattew 5, 10

Xtaqt naqsam magħkom xi ftit ħsibijiet ispirati minn din is-sentenza ta' Ġesu li nsibuha fis-silta ta' l-Evanġelju magħrufa bħala d-Diskors tal-Muntanja. Fil-bidu ta' dan "id-diskors" Ġesu jippreżenta disa' beatitudnijiet li kollha jibdew bil-kelma Ħenjin għaliex dawk li jipprovaw ippoġġu fil-prattika dak li jitlob Ġesu minna jesperjenzaw hena u sliem fil-qalb u l-ħajja tagħhom. Wieħed iżda jrid jagħraf li dan kollu jista' jiġi bi prezz li kultant jaf ikun għali ħafna. In-nisrani li fil-ħajja jiddeċiedi li jimxi wara Ġesu jeħtieġ jagħraf il-ħtieġa li l-ewwel u qabel kollox ikun jaf min hu Ġesu Kristu u dan billi jisma' l-Kelma t'Alla u jgħixha. Nimmaturaw fil-fidi tagħna jfisser li nitbiegħdu minn dak li fir-reliġjon tagħna fih doża qawwija ta' folklor jew reliġjożita' naturali u nibnu fuq pedament sod li jkun rifless f'imġiebna u fi kliemna.

F'ċerti sitwazzjonijiet u fatti li niltaqgħu magħhom fil-ħajja kultant insibu lilna nfusna quddiem kuntrarji li jġibuna b'daharna mal-ħajt dwar deċiżjonijiet li jkollna nieħdu. X'ikun l-aħjar li nagħmel għall-unur jew il-karriera jew il-familja? X'nagħmel quddiem pressjoni qawwija fuqi nnifsi biex nagħmel it-tajjeb iżda naf li se ninbagħad mal-kollegi. Xi prezz irrid inħallas biex inkun koerenti ma' dak li nemmen u jaqbel mal-prinċipji tiegħi? Dawn huma ftit mistoqsijiet li nistgħu nippruvaw nwieġbu fis-skiet ta' qalbna biex jiddeterminaw fejn ninsabu biex nkunu nistgħu nidħlu fis-"saltna tas-smewwiet". Din is-saltna mhiex qiegħda ' il bogħod fis-sħab li naraw fis-sema iżda fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna.

Il-persekuzzjoni f'ħajjitna nistgħu nesperjenzawha taħt diversi forom bħal ma hija inġustizzja soċjali, diskriminazzjoni, preġudizzju, malafama, character assassination jew kif ngħidu bil-Malti joqtluk bla sikkina billi jiżolawk u jwarrbuk. X'inhi t-tweġiba tagħna quddiem dan kollu? Għalkemm Ġesu jgħid "ħenjin dawk li huma ippersegwitati" ma jfissirx li wieħed isofri l-ħażen li għandu jkollu tbissima bħal anġlu tal-vara!!! Dak li hu ħażin irid jibqa' jingħad li hu ħażin iżda wieħed jiġġieled għal dak li hu tajjeb billi jibqa' jgħid dak li hu konvint minnu għax jemmen li hu s-sewwa li hija waħda u qatt ma tinbidel għax jgħaddi ż-żmien jew jintesew id-dettalji. Min iżomm mal-verita' u jkun fil-verita' miegħu nnifsu u ma' dawk ta' madwaru, kliem Ġesu jikkonfermalna dan kollu għaliex hu stess qal: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħarfu l-verita', u l-verita' teħliskom". Ġwanni 8, 31.

*Il-Mulej ibierek lilkom u l-għeżież tagħkom.*



## Presentazzjoni ta' kopja tat-Testment il-Ġdid bil-Malti

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju 2007 saret ċerimonja sinifikanti li fiha ġew preżentati 1,900 kopja tat-Testment il-Ġdid bil-Malti lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo mill-Gideons International permezz tas-Sur Don Glaves li ġie apposta mill-Istati Uniti għal din l-okkażjoni.

Il-Gideons International twaqqfu fl-1899 bl-iskop li jxerrdu l-Kelma t'Alla ma' kullimkien. F'kelmtejn li għamel is-Sur Don Glaves qal li huma assoċjazzjoni ta' professjonisti u negozjanti Kristjani, magħqudin flimkien għal xirka u xogħol f'aktar minn 170 pajjiż. L-għan ta' l-assoċjazzjoni hu t-tixrid ta' l-Evanġelju ta' Ġesu Kristu lill-bnedmin kollha, biex dawn isiru jafu lill-Mulej Ġesu. Għal dan l-iskop huma wżaw traduzzjoni tal-Għaqda Biblika Maltija u bi pjaċir qegħdin joffru dan it-Testment il-ġdid f'format komdu ta' pocket size.



Fil-kelmtejn ta' ringrazzjament li għamel il-Kummissarju tal-Pulizija apprezza dan il-ġest ġentili u assigurahom li se titqassam kopja lil kull membru tal-Korp tal-Pulizija biex il-Kelma ta'Alla takkumpanjhom u tħarishom mill-perikli li jistgħu jintaqgħu magħhom fil-ħidma tagħhom. Bħala tifkira ta' l-okkażżjoni il-Kummissarju ppreżenta banner bl-emblema tal-Korp u indika l-motto li jgħid Domine Dirige Nos - il-Mulej immexina. Ir-rappreżentant tal-Gideons International wiegħed lill-Kummissarju li dan se jinżamm fl-uffiċċju ċentrali tagħhom fil-Kwartieri Ġenerali.



*" Arena Laundry Ltd. An influential name in the Laundry & Dry-Cleaning Industry."*

Arena Laundry is today at the forefront of the laundry industry, equipped with state-of-the-art machinery which provides high output in a short turnaround time. Having recently expanded our operations, we today employ 65 trained professionals, servicing from a 4000sq/meters factory in Bulebel Industrial Estate, Zejtun.

## We treat Laundry & Dry-Cleaning as a work of art...

*We understand that laundry and dry-cleaning plays an important role in your everyday services, and this is reflected in the quality of our results, in the efficiency of our operation, in the cost to your organisation.*

### Commercial Laundry & Dry-Cleaning Services

Arena Laundry Limited provides long-term contracts for **Laundry and Dry-Cleaning** services and **Linen Rental** to Commercial Establishments on the Maltese Islands. We provide FREE pick up and delivery in impeccable results. We invite you to schedule an appointment with us, so that we together select the right package for your bulk laundry and dry-cleaning requirements. We would also like to welcome you over to view for yourselves the efficiency of our operation.

CELEBRATING 100 YEARS ANNIVERSARY

**ARENA LAUNDRY & DRY-CLEANING LTD.** *Laundry whiter than snow...*

Specialised Dry-Cleaning for personal Items | Wedding Dresses & Delicates | Suede, Leather & Fur Cleaning | Linen Rentals | Launderers | Carpet & Curtains Cleaning | Domestic Cleaning | Commercial Laundry & Dry-Cleaning Services

B38, Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN08 MALTA. Tel: (+356) 21894982\3\4 Fax: (+356) 21894985 E-mail: info@arenalaundry.com

**www.arenalaundry.com**




Getting maximum performance from minimum energy consumption – this is one challenge that the engineers at Siemens have never stopped pursuing. Thanks to our innovative compressors and optimized insulation technology, we've succeeded in reducing the average energy consumption of our refrigerators by 80% since 1990. This softens the burden on the environment – and your pocket.

**Aplan Centre** B'kara By Pass, B'kara. Tel: 2148 0590, Email: info@aplan.com.mt

**The future moving in.**

**SIEMENS**

# Ħatra ta' Surġenti u Għoti ta' medalji għas-Servizz Twil u Effiċjenti

F'ċerimonja qasira fil-Kwatieri Ġenerali tal-Pulizija nhar Jum il-Pulizija, inħatru 30 Surġent ġdid kif ukoll ingħataw medalji tas-servizz twil u effiċjenti lil 41 membru tal-Korp tal-Pulizija li għandhom aktar minn 18-il sena servizz. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern l-Onorevoli Dr. Tonio Borg, il-Kummissarju s-Sur John Rizzo u d-Deputat Kummissarju s-Sur Joseph Cachia.

Il-Kummissarju tal-Pulizija awgura lill-membri kollha preżenti u lill-familji tagħhom l-festa t-tajba kif ukoll irringrazzja lil kulħadd għas-servizz illi ngħata lis-soċjeta'. Huwa fakkar lis-Surġenti ġodda fir-responsabilitajiet ġodda li jridu jerfgħu. F'kelmtejn qosra l-Ministru Dr. Tonio Borg ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex iżommu għoli dejjem ir-reputazzjoni tal-Korp.



**Medalji tas-Servizz Twil u Effiċjenti**

| | |
|---|---|
| Insp. | DOMINIC MICALLEF |
| PS 560 | JOSEPH FARRUGIA |
| PS 838 | ALPHONESE MIFSUD |
| PS 959 | WINSTON MICALLEF |
| WPS 116 | RITA MICALLEF |
| PC 783 | BRIAN BONELLO |
| PC 594 | ROBERT SALIBA |
| PC 517 | ANTHONY FRANCALANZA |
| PC 477 | JULIAN SALIBA |
| PC 823 | IVAN BRINCAT |
| PC 863 | FRANCIS GRIMA |
| PC 548 | ALFRED MICALLEF |
| PC 819 | JOHN STIVALA |
| PC 788 | NOEL FRENDO |
| PC 775 | EDWIN CASSAR |
| PC 753 | RAYMOND GATT |
| PC 1310 | DOMINIC BUGEJA |
| PC 67 | SAVIOUR CHIRCOP |
| PC 83 | EMANUEL SCIBERRAS |
| WPC 125 | CHRISTABEL MALLIA |
| WPC 90 | ANTONELLA BUSUTTIL |
| WPC 91 | MONICA DEGUARA |
| WPC 99 | JOSETTE PACE |
| WPC 112 | FLORENCE GRECH |
| WPC 114 | GEORGIA SCHEMBRI |
| WPC 122 | CAROLINE TABONE |
| WPC 126 | JOSEPHINE BUTTIGIEG |

**L-ewwel u t-tieni clasp**

PS 2 MARTIN BUGEJA

**L-ewwel clasp**

| | |
|---|---|
| 2/SM 907 | RAYMOND ZAMMIT |
| PC 17 | CARMEL LIA |
| PC 802 | JOSEPH CHIRCOP |
| PC 803 | FRANCIS FARRUGIA |
| PC 804 | LEONARD FORMOSA |
| PC 807 | FELIX VELLA |
| PC 841 | RAYMOND MALLIA |
| PC 852 | PIERRE BUGEJA |
| PC 854 | MARIO BONNICIJOSEPH |
| PC 861 | CASSAR |

**It-tieni clasp**

| | |
|---|---|
| PS 167 | SEBASTIAN PSAILA |
| PC 1409 | THOMAS FARRELL |
| PC 355 | SAVIOUR SAMMUT |

**Lista ta' Surġenti ġodda**



| | |
|---|---|
| PS 1146 | EDWARD ZAMMIT |
| PS 1110 | CLIFTON PULIS |
| PS 163 | ROBERT VASSALLO |
| PS 214 | VALERIE FARRUGIA |
| PS 209 | RACHEL CARUANA |
| PS 1238 | CLIVE BRIMMER |
| PS 128 | JOSEPH FARRUGIA |
| PS 94 | JACK FARRUGIA |
| PS 300 | ALFRED ABELA |
| PS 104 | RODERICK ZAMMIT |
| WPS 54 | KYLIE BORG |
| WPS 132 | RITA COMPTON |
| PS 1235 | WARREN MAGRI |
| PS 290 | JEAN PAUL FORMOSA |
| PS 1116 | TIMOTHY ZAMMIT |
| PS 891 | OSCAR BALDACCHINO |
| WPS 136 | CHARLENE ANN CIANTAR |
| WPS 12 | ANDREA GRECH |
| PC 65 | NOEL SAID |
| PS 474 | NORBERT SAID |
| PC 702 | JONATHAN RANSLEY |
| PS 1229 | ANTOINE CILIA |
| PS 353 | ANTOINE CILIA |
| PS 680 | COLIN SHELDON |
| WPS 254 | JANICE GIORDMANIA |
| PC 1011 | HERMAN MULA |
| PS 70 | OMAR CARUANA |
| WPS 188 | LUCIENNE ZAMMIT |
| WPS 34 | JENNIFER MALLIA |
| WPS 63 | JANET ZAMMIT |




Expect
more
JOHNNIE WALKER
BLACK LABEL
Old Scotch Whisky
12
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
Tel: 25528000 Fax: 25522992 www.demajowinesandspirits.com
JOHNNIE WALKER.
© John Walker & Sons 2004



Supt P. P. Zammit
Prosecution Unit

# Drinn Drinn 13

*Hello. Prosecutions.*

Hello. Good afternoon. Lilek ridt!!

*Għidli Surġent x'inqala?*

Għandna naqra ta' problema hawn id-Distrett u bħas-soltu min jgħid ħaġa u min jgħid oħra....

*U daħħaltu lili bħal Pilatu fil-Kredu hux hekk:*

.... eh le, bħal Salamur.

*Dak niekol inħobbu. Dak li qed tirreferi għalih kien jismu SALAMUN u jien ma niġi xejn minnu. Għidli x'inqala ?*

Ara Sir, bħal ma jiġri ħafna drabi nirċievu ittri minn għand xi avukat li jgħidilna biex nieħdu passi kontra dak u kontra l-ieħor, jispiċċa ġieli jikkwota xi biċċa mill-liġi, jew tant jgħid u jikteb li ma nkunux nafu x'qed jgħid jew xi jrid, insomma tas-soltu taf kif, naħseb li anke int tirċievi minnhom!

*Surġent, nixtieq ninfurmak li meta trid nagħmlu kompetizzjoni tal-karti ikkumplikati, imma żgur li mhux bħal issa, għax il-ħin qasir u hemm diversi problemi oħra li rrid nifli. Hu paċenzja bija u għaġġel ftit..*

Skużani Sir, jekk trid inċemepl ħin ieħor.

*U ssibni aktar mgħafus milli jien u nkunu ħlejna żewġ minuti għal xejn. Le kompli, problema li sirt naf biha diġa hija nofsha solvuta, kompli.*

Ara f'din il-kwistjoni ta' l-ittri ta' l-avukati qed jitolbuna mmexxu kontra xi nies, meta fittixna l-liġi li kwotaw, biċċa taqbel u oħra le, min jgħid noħorġu iċ-charges kif bgħathom l-avukat, min jgħid le u aħna ta' l-uffiċju maqbudin fin-nofs.

*Din il-kwistjoni ilha sejra ħafna, imma hemm soluzzjoni sempliċi. L-ewwel li jrid jiġi deċiż huwa jekk ir-reat li għamillek rapport dwaru l-avukat hux wieħed kwerelabbli. Jekk sabiex timxi għandek bżonn il-kwerela mela tlaqna.... tiġrix, ibda imxi ... mela ibda investiga (dik l-ewwel każ). Fit-tieni każ, jekk dak li qed jirrapportalek huwa reat ex-uffiċju, mela kull ma għamel min kitiblek huwa li għabbiek bir-responsabbilita',... mela ibda investiga. Kif qed tisma', l-ewwel nibda ninvestiga, għaliex? Għax fl-aħħar mill-aħħar fil-maġġor parti tal-każijiet, il-prosekuzjoni tkun immexxija mill-Pulizija għajr għal ftit li naħseb li lanqas għadkom tagħmlu, l-hekk imsejħa 'private cases'.*

Dawn xi jkunu sir, smajt bihom imma ilni f'dan l-uffiċju daqs seba' snin u ma ltqajtx ma' waħda?

*Il-private cases, u huwa tajjeb li nibdew bihom, huma dawk il-ftit każijiet fejn il-liġi tagħti lill-parte ċivile id-dritt li tmexxi il-kawża quddiem il-Qorti hi, dawn huma kwistjoni kontravensjonali (339 d,e,l,o) kif dawk ta' libell ta' l-istampa u xi waħda 'l hemm u 'l oħra 'l hawn. L-importanti hu li tgħaraf dawn il-ftit każijiet sabiex meta jiġu quddiemek ma toħroġx ċitazzjoni Il-Pulizija vs Tizio, imma Sempronju vs Tizio. Hekk il-kawża, għalkemm kriminali titmexxa' mill-offiż. F'dawn il-kawżi anke l-appell imur favur il-parte ċivile, u jmiss lilu jagħmlu. Fit-tmexxija ta' dawn il-kawża il-Pulizija għanda rwol limitat ħafna.*

*In principio, u cioe' nibdew mill-bidu, meta l-Pulizija tirċievi kwerela dwar fatt li jista' jkun wieħed minn dawn il-private cases, kull ma għandha tagħmel il-Pulizija hija verifika ta' ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal dak allegat. Dan huwa neċessarju għax altrimenti nistgħu niġu wżati biex falsament jiġi akkużat persuna quddiem il-Qorti, imbagħad ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Il-provi u l-fatti dwar il-każ għandu jġibhom 'l quddiem min qed jakkuża, f'dan il-każ Sempronju u aħna ċiċċi beqqi nisimgħu. Jekk jidhrilna li hemm prima facie allura nipproċedu billi noħorġu ċ-ċitazzjoni. Jekk ma hemmx* ***prima facie*** *jew jista' jkun rapport falz allura nimxu mod ieħor.*

Nieħdu passi kontra min għamel ir-rapport falz.

*Bravu, qed tisma'. Fit-tieni każ, u cioe' meta l-prosekuzzjoni tmiss lill-Pulizija, ma jistax ikun li l-Pulizija tmur il-Qorti mingħajr lanqas biss tkun investigat il-każ, għax inkella jiġri kif sfortunatament jiġri ħafna drabi, nitilfu kollox u naqilgħu xi ċamata wkoll, u hawn ikun ħaqqna għax inkunu inqasna mid-doveri tagħha. Mela, meta nirċievu mingħand xi persuna, xi nformazzjoni jew talba għal passi kriminali, aħna rridu bil-fors ninvestigaw. Wara li jsiru l-investigazzjonijiet tagħna imbagħad naraw x'kien indikalna l-abbli kittieb, u fejn naqblu noħorġu l-akkużi indikati u fejn ma nsibux provi jew ma naqblux, nagħmlu skond dak li jirriżultalna. Qed ngħid hekk, għaliex issa hija r-responsabbilita' tal-Pulizija li toħroġ l-akkużi u li tissostanzjahom fil-Qorti, u mhux tal-parti li għamlet ir-rapport. Il-parti li għamlet ir-rapport għandha obligu a terminu ta' l-Artikolu 536 tal-Kodiċi Kriminali jagħti dawk id-dettalji u l-liġi titkellem bl-irqaqat kollha lill-Pulizija sabiex isiru l-investigazzjonijiet neċessarji. Mela ma' l-ittra li rċevejt hemm l-obligu li beda jseħħ fuq min bagħtihielek, aktar il-klijent milli l-avukat, li lilek irid ifornik* ***bl-irqaqat kollha*** *dwar il-każ, u mhux jitfa' l-ġebla u jaħbi idu.*

Imma Sir dawk ittri anonimi allura....

*Jidher li qed issegwi sew, tajjeb, mela ħa nkomplu. L-art 535(2) jagħmilha ċara li l-Pulizija* ***ma tistax timxi fuq rapport jew denunzja anomimi, ħlief fil-każ ta' reat maqbud fil-fatt, jew meta r-rapport jew denunzja ikollhom x'jaqsmu ma' fatt permanenti.*** *Mela hawn ukoll għandek tieħu ċerta azzjoni u jekk jirriżultaw xi fatti minn dawk rapportati, il-Pulizija trid tieħu dawk il-passi lilha konċessa mill-liġi.*

*Mela kif qed tara, l-Pulizija trid dejjem tinvestiga, u timxi fuq dak li jirriżulta.*

Grazzi sir, imma skużani ta, ma naqbilx miegħek...

*Għandek kull dritt ħabib, imma int għal parir ġejt hux hekk*

Iva Sir, imma naħseb (daħka) li Salamun kien jiġi minnek, saħħa u grazzi, tali għallimtni.

*Xejn, dover.*

# L-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija

Waqt li konna qed niddiskutu jekk għal ħarġa li jmiss ta' *Il-Pulizija* fil-feature li nagħmlu dwar is-Sezzjoni u d-Distretti tal-Pulizija, din id-darba niffikuawx fuq l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, ġara li fl-istess ħin din l-istess Skwadra kienet qed twettaq operazzjonijiet differenti fejn fi żmien 48 siegħa kellha tliet suċċessi kbar wara xulxin; l-akbar qabda ta' pilloli ecstasy f'Malta - madwar 29,000 pillola, qabda ta' kilo kokaina u bl-għajnuna tad-Dwana qabda oħra ta' kilo u nofs eroina. Għalhekk dan il-feature dwar l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija ma setax ġie fi żmien aħjar.

Għalkemm il-kelma droga hija aktar sinonima mas-snin riċenti, l-ewwel investigazzjonijiet f'Malta rigward droga illegali saru fis-sebgħinijiet mill-uffiċjali stazzjonati fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali. Sal-bidu tat-tmeninijiet imbagħad kienet ġiet mwaqqfa l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji, u din l-iskwadra kienet ukoll responsabbli mill-investigazzjonijiet rigward droga. Kien f'Novembru ta' l-1995 li ġiet imwaqqfa l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga u minn Ottubru ta' l-2003 għall-ewwel darba bdiet titmexxa minn Assistent Kummissarju indipendentament minn sezzjonijiet oħra. Għalhekk illum il-ġurnata din l-Iskwadra hija magħmula mill-Assistent Kummissarju Paul DeBattista, is-Supretendent Neil Harrison, l-Ispetturi Norbert Ciappara, Pierre Grech, Dennis Theuma u Victor Aquilina kif ukoll seba' Surġenti u 32 Kuntistabbli.



Qabda konsiderevoli ta' eroina

Ma setax jonqos milli nitkellmu ma' l-Assistent Kummissarju Paul DeBattista li fil-fatt ilu inkarigat minn din l-Iskwadra mill-2003. L-AC DeBattista tana spjegazzjoni dettaljata tax-xogħol li jsir minn din l-Iskwadra, speċjalment minn wara l-kwinti. Kif nafu r-responsabbilita' prinċipali ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga hija li tinvestiga dawk il-każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' abbuż jew traffikar ta' droga illegali. Dan x'jinvolvi?

L-AC DeBattista spjega li bħala taqsima speċjalizzata iħossu li bħala responsabbilta' ewlenija għandhom jikkonċentraw primarjament fuq t-traffikar tad-droga, speċjalment traffikar li jkun sostanzjali fl-ammont. Pero' apparti dan, l-iskwadra tieħu ħsieb tistħarreġ ukoll każijiet iżgħar bħal pussess u każijiet ta' traffikar magħrufa bħala street-pushing, jiġifieri traffikar li jsir fit-triq. Każijiet serji ta' traffikar jieħdu aktar żmien pero' fl-aħħar tkun ġiet konkluża biċċa xogħol ferm ikbar. Madanakollu l-AC DeBattista spjega li bħala Skawdra jridu jagħtu servizz lill-poplu u għalhekk il-każijiet iżgħar ta' droga ukoll iridu jiddedikaw ċertu ħin għalihom. Għalkemm ġieli tinstema' kritika minn xi nies dwar it-traffikanti tad-droga, il-poplu fil-verita' dak li jdejqu ta' kuljum mhuwiex it-traffikant il-kbir iżda dak l-istreet-pusher li jkun forsi kantuniera 'l bogħod u ovvjament joħloq ċertu inkonvenjent għan-nies tal-viċinanzi għaliex dawn jibdew jaraw numru ta' nies li jabbużaw mid-droga ġejjin u sejrin fl-inħawi. Barra minn hekk in-nies jibdew jibżaw minn konsegwenzi oħra bħal serq għaliex ħafna drabi individwi li jabbużaw mid-droga jirrikorru għas-serq biex imantnu l-vizzju tad-droga għaliex ma jkollhomx triq eħfef minn hekk sabiex jigwadanjaw l-flus malajr. Is-Sur DeBattista fiehem li għal pubbliku in ġenerali dawn huma t-traffikanti l-kbar tad-droga meta fil-verita' it-traffikanti l-kbar huma oħra. Peress li ż-żewġ xenarji huma impenjattivi ħafna, ikun irid jinstab bilanċ biex ir-riżorsi jiġi użati bl-aktar mod għaqli u bl-aktar mod effettiv. Biss biss is-sena l-oħra tressqu l-Qorti aktar minn mitt persuna rigward traffikar ta' droga biss. Kif spjega l-AC DeBattista ħafna minn dawn kienu street-pushers li jkunu qed jagħmlu l-ħsara billi jwasslu d-droga għand dak l-individwu li jkun inqabad fil-vizzju tad-droga. Min-naħa l-oħra kemm is-sena l-oħra u din is-sena s'issa l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga kellha diversi suċċessi għar-rigward ta' qabdiet kbar ta' droga u allura n-nies involuti ikunu aktar fl-għoli fl-organizazzjoni kriminali.

Forsi xogħol li l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tagħmel imma li ma tantx hija magħrufa għalih huwa x-xogħol 'soċjali'. Kif spjega l-AC DeBattista l-uffiċjali ta' din l-iskwadra jagħtu ħafna lectures ta' spiss fi skejjel għaqdiet, organizazzjonijiet u Kunsill Lokali. Spjega ukoll li kemm jista' jkun jinstigaw lill-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw attivatijiet ta' prevenzjoni sabiex l-uffiċjali ta' din l-iskwadra jkunu jistgħu jipparteċipaw fihom bi sħiħ. Xogħol soċjali ieħor li jsir huwa meta l-iskwadra tiġi f'kuntatt ma' persuna li tkun tabbuża mid-droga, jipprovaw kemm jista' jkun jikkonvinċuh biex jagħmel użu minn xi servizz ta' rijabilitazzjoni. Dan speċjalment japplika għal drug abusers żgħar li jiġu f'kuntatt ma' din l-iskwadra għall-ewwel darba. L-uffiċjali ta' l-iskwadra iħeġġuhom jieħdu azzjoni rigward il-problema li jkunu daħlu fiha. Dan għaliex il-problema tad-droga hija vizzju u kważi impossibbli li wieħed joħroġ minnha waħdu. Is-

Sur DeBattista spejga li l-iskwadra għandha sistema ta' referrals, li hija sistema li bil-konsens tad-drug abuser hu jiġi riferut għand is-servizzi tas-Sedqa jew Caritas, biex ikun jista' jibda jieħu xi forma ta' għajnuna importanti.

Dwar ix-xogħol propju ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, l-AC DeBattista spjega li dan hu xogħol ta' ħafna paċenzja u li jieħu ħafna ħin, fejn ċertu investigazzjonijiet jieħdu xhur sħaħ. Hawnhekk semma' l-importanza ta' l-informazzjoni li l-Pulizija tirċievi mingħand ħaddieħor, li jista' jkun kemm il-pubbliku in ġenerali kif ukoll il-kumplament tal-membri tal-Korp speċjalment dawk stazzjonati fid-Distretti. Rigward informazzjoni li jirċievu mingħand il-pubbliku, din fil-maġġoranza tagħha tkun tirrigwardja drug abusers jew street-pushers. Is-Sur DeBattista qal li huma jirċievu ħafna informazzjoni mingħand il-pubbliku in ġenerali u ta' dan huma grati. Hu spjega li bħala Skwadra huma jagħtu każ ta' kull informazzjoni li tidħol, u kollha tiġi investigata. Pero' għal kull biċċa informazzjoni li jirċievu l-ewwel jridu jevalwaw il-veritier tagħha qabel ma tittieħed xi tip ta' azzjoni. Dan għaliex sfortunatament jkun hawn nies li jippruvaw jinqdew bil-Pulizija biex jagħmlu vedikazzjoni lil ħaddieħor. Għalhekk l-importanza li kull informazzjoni tiġi mistħarġa sew. Kif għidna diġa, ħafna mill-investigazzjonijiet jieħdu ż-żmien u l-Assistent Kummissarju ikkumenta dwar il-fatt li kultant il-pubbliku jaħseb li l-Pulizija m'hi qed tagħmel xejn. Spjega li dan minħabba l-fatt li meta tkun għaddejja investigazzjoni, din isir mingħajr ħafna daqq ta' trombi u dan għal raġunijiet ovvji.

Rigward informazzjoni li l-iskwadra tirċievi mingħand sezzjonijiet oħra tal-Korp speċjalment id-Distretti, l-AC saħaq ħafna fuq l-importanza tagħha. Hemm minjiera ta' informazzjoni fil-Pulizija stazzjonati fid-diversi għases li sfortunatament ma tinfiltrax kollha għand l-iskwadra ta' kontra d-droga. Is-Sur DeBattista appella biex aktar membri tal-Korp javviċinaw lil sħabhom ta' l-iskwadra ta' kontra d-droga b'kull tip ta' informazzjoni żgħira kemm hi żgħira. Fortunatament il-kollaborazzjoni ma' skwadri oħra bħad-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali, l-Iskwadra ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi u l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji hija waħda tajba anke minħabba l-fatt li dawn kollha qegħdin fl-istess bini u prattikament bieb ma' bieb. Biċċa informazzjoni żgħira, tista' tkun tagħmel ħafna sens meta tingħaqad ma' informazzoni oħra li tkun diġa' qed tiġi evalwata.



Tfittxija għal oġġetti relatati mad-droga

Meta mistoqsi dwar kemm hu diffiċli li skwadra bħal tiegħu taħdem sew f'pajjiż żgħir u f'soċjeta' kumpatta, is-Sur DeBattista spjega li dan joħloq kemm vantaġġi kif ukoll svantaġġi. Il-fatt li f'dan il-pajjiż kulħadd magħruf u kulħadd jaf lil kulħadd, allura dan jagħmilha aktar diffiċli għal dawn il-Pulizija biex joperaw mingħajr ma jidhru. għalhekk huwa mportanti li dejjem jinstabu metodi 'oriġinali' ta' kif tista' issir sorveljanza. Barra minn hekk kif spjega l-AC 'iċ-ċrieki' tal-kriminalita' f'Malta ma tantx huma miftuħin wisq, iżda huma ċrieki żgħar u magħluqa fejn il-membri jafu sew lil xulxin, u allura mhux faċli li wieħed jersaq qrib dawn 'iċ-ċrieki'. Min-naħa l-oħra, "li issir taf fuq in-nies huwa faċli, li tiġbor il-provi huwa ħafna aktar diffiċli imma". L-għan prinċipali ta' l-investigazzjoni huwa li l-każ jispiċċa l-Qorti u biex dan isir wieħed irid ikun ċert mill-provi li għandu sabiex jasal għal ħtija. Biex tiġbor il-provi huwa ħafna aktar diffiċli milli biex issir taf dwar xi atti kriminali. Xi nies jikkritikaw lill-Pulizija billi jgħidu "mhux kulħadd jaf min huma n-nies imdaħħlin fid-droga!" Is-Sur DeBattista spjega li bejn li tkun taf u bejn li tiġbor il-provi hemm baħar jaqsam. U jkun biss wara li jinġabru biżejjed provi konkreti li individwi jitressqu l-Qorti.

Rigward il-kobor tal-problema tad-droga f'Malta l-Assistent Kummissarju wieġeb li din hija kbira biżżejjed għal pajjiżna. Kif qed jiġri fil-pajjiżi kollha tad-dinja inkluż l-Ewropa, il-problema tad-droga qed tikber. Apparti li qed jiżdiedu n-nies li jabbużaw mid-droga, żdiedu ukoll il-kwalitajiet tad-droga. Prattikament jitwieldu drogi u sustanzi ġodda kuljum. Illum il-ġurnata teżisti l-fenomenu tad-designer drugs. Dawn huma drogi li huma iddisenjati fil-veru sens tal-kelma biex joħolqu xi effett partikolari. Eżempju wieħed huwa d-droga ecstasy fejn diversi tipi jeżistu u dan minħabba l-fatt li l-kimika li huma magħmula minnhom tiġi manipulata sabiex toħloq effett differenti. Minħabba li dan il-fenomenu qed jiġri ta' spiss, kull darba li l-Iskwadra ta' Kontra d-droga tiltaqa' ma' tipi ġodda ta' droga waqt l-investigazzjonijiet, dawn jiġu inklużi fil-liġi Maltija. L-Assistent Kummissarju semma kif is-sena l-oħra f'Malta instabu żewġ sustanzi ġodda, l-BZP u l-MCPP. Bħal issa qed isir studju dwar dawn iż-żewġ sustanzi mill-EMCDDA (European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction). Dan iċ-ċentru jirrappreżenta lill-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropea u xogħol dan iċ-ċentru huwa li jimmoniterja dak kollu li jkun qed jiġri fix-xena tad-droga. Kull membru ta' l-EU jagħti l-feedback dwar is-sitwazzjoni ta' droga f'pajjiżu u dan iċ-ċentru imbagħad jinforma l-pajjiżi kollha dwar xi jkun qed jiġri fil-kumplament ta' l-EU. Kull pajjiż għandhu n-National Focal Point (li jagħmel parti mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali) li hu r-

# Investing in health and general well-being is an investment in yourself and your future

**Ta' Qali Health & Fitness Centre**

**Tel: 21 437023 email: taqali@maltanet.net**



The Ta' Qali Health & Fitness Centre is one of the most popular health centre on the island. Since it's refurbishment the club has become the largest and most progressive on the island. With two split level gyms either on the first floor or on the ground floor and has gained a reputation for outstanding staff and impeccable facilities making our members' fitness experience comfortable and relaxed.





**GYM OPEN 24HRS**





**The centre offer an extensive range of facilities and services: -**

- Computerized cardiovascular equipment
- State of the art resistance equipment
- Extensive range of free weights
- Aerobics
- Personal trainers
- Personal Training Packages
- Shower, toilet and changing room facilities
- Fully qualified instructors and staff
- Saunas & Jacuzzis

## ta' qali *swimming pool*

We strive to offer the best service possible to all our clients, in a safe and hygienic environment
Our current activities for all ages include

1. Water Polo Schools
2. Aquatone Sessions
3. Swimming School
4. "O" Level Lessons

We offer Pool Use Only as well as Pool and Gym Combined Membership









**Ta' Qali Health Swimming Pool**

**For further details please call us on**
**Pool Manager**
**Mr Alfred G. Cachia B.A.**
**e- mail: agcachia@onvol.net**

**Tel: (356) 21422676**
**Manager's Secretary**
**Ms. Elaine Camilleri**
**e-mail: eln583@hotmail.com**



Sejba ta' Kapsoli ta' Kokaina

rappreżentant tal-pajjiż fl-EMCDDA. L-EMCDDA ġieli tikkomissjona studju dwar xi sustanzi partikolari jew metodi ġodda li jkun qed jintuża fix-xena tad-droga sabiex l-informazzjoni li tinstab tkun tista' tgħaddiha lil pajjiżi kollha. Bla ebda dubju dan hu network importani fil-ħidma ta' kontra d-droga. Is-sena l-oħra ukoll instabet għall-ewwel darba f'Malta d-droga Khat. Din it-tip ta' droga kienet diġa ddaħlet fil-liġi Maltija snin qabel peress li kienet diġa nstabet f'pajjiżi oħra fl-Ewropa. F'din l-ewwel qabda ta' Khat f'Malta l-ammont li kien instab kien ta' madwar 12-il kilo.

L-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Korp tikkontribwixxi ukoll fil-Europol. L-Iskwadra Maltija tgħaddi informazzjoni ta' kull qabda importanti ta' droga lit-taqsima tad-droga tal-Europol. Din it-tip ta' informazzjoni tinġabar mill-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx xi tip ta' pattern jew metodu li jkun qed jintuża' fix-xena tad-droga. B'hekk il-Pulizija fid-diversi pajjiżi ta' l-Ewropa jkunu jista' juża' ir-rizorsi aħjar billi jiffukaw fuq targets importanti li jkunu ġew identifikati bl-informazzjoni li tipprovdi l-Europol. Hawn ta' min isemmi r-rappreżentant tal-Korp fil-Europol li huwa s-Supretendent Edward Mangion, stazzjonat l-Olanda, fejn bl-għajnuna tiegħu jiġu iffaċilitati l-kuntatti bejn l-Pulizija Maltija u l-Pulizija tad-diversi pajjiżi fl-U.E. Is-Sur DeBattista ta eżempju ta' każ importanti li ġara s-sena l-oħra li kien suċċess anke bl-għajnuna tas-Supretendent Mangion kien jinvolvi sejba ta' droga f'Heathrow l-Ingilterra, li kienet destinata lejn Malta permezz ta' servizz ta' courier. B'ħidma bejn Malta, l-Ingilterra u l-Europol kienet saret controlled delivery ta' din id-droga lejn Malta, liema każ kien konkluż b'suċċess. Każ ieħor klassiku kien każ li seħħ is-sena l-oħra bejn Malta u l-Italja. Il-Pulizija Taljana talbet l-assistenza tal-Pulizija Maltija għaliex kien hemm suspetti serji li dgħajsa li kienet ser titlaq minn Malta lejn l-Italja, kienet se ġġorr ammont konsiderevoli ta' droga. Il-Pulizija Taljana kienu damu hawn Malta għal diversi ġimgħat biex jinvestigaw il-każ bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Pulizija Maltija. Każ li kien konkluż b'suċċess u l-Pulizija Taljana irnexxielha tagħmel sejba ta' żewġ tunnellati raża tal-cannabis, arrestat tnax-il persuna u kkonfiskat diversi assi inkluż flus u propjeta'.

Kif jidher ċar, f'dan ix-xogħol wieħed irid iżżomm ruħu aġġornat u l-uffiċjali ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga jattendu diversi konferenzi barra minn Malta fosthom il-Horizontal Drugs Group li hu wieħed mill-Working Groups ta' l-Unjoni Ewropea. Barra minn dan, membri ta' din l-Iskwadra, minn kull rank, jattendu diversi courses u seminars f'pajjiżi differenti, anke barra mill-Unjoni Ewropea, fosthom courses mid-Drugs Enforcement Administration ta' l-Amerika li jsiru hawn Malta, courses mid-DEA, mill-HM Customs, il-Coast Guards Amerikani, kif ukoll course li sar f'Malta mit-TADOC, li hija l-Akkademja kontra l-Kriminalita' Organizzata fit-Turkija.

Mistoqsi dwar il-kollaborazzjoni bejn il-Pulizija Maltija u dik barranija f'operazzjonijiet ta' kontra d-droga, s-Sur DeBattista spjega li llum il-ġurnata żdiedu ħafna l-kuntatti mal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea, fejn kull pajjiż ikun irrappreżentat minn Liasion Officer. Kull talba ta' informazzjoni jew għajununa li pajjiż ikollu bżonn mingħand pajjiż ieħor, tgħaddi mill-Liasion Officer sabiex isiru l-kuntatti neċċessarji. Punt interessanti li semma' s-Sur DeBattista kien li għall-ewwel darba f'dawn l-aħħar xhur inġabu żewġ persuni, f'Malta wieħed mill-Olanda u ieħor minn Spanja, biex jirrispondi għal akkużi serji ta' traffikar ta' droga lejn Malta. Minn investigazzjonijiet estensivi kien irriżulta li dawn iż-żewġ individwi kien ilhom snin jibgħatu d-droga lejn Malta. Dan kien possibbli bl-għajnuna ta' Liasion Officers u tal-Pulizija fil-pajjiżi rispettivi. Fil-każ ta' l-Olanda, kien mar fil-pajjiż is-Supretendent Harrison biex jgħin fl-investigazzjoni tal-Pulizija Olandiża.

Apparti l-kollaborazzjoni tajba ma' pajjiżi barranin, l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija għandha rapporti tajbin ukoll ma' aġenziji u dipartimenti oħra f'Malta li wkoll jaħdmu fil-qlieda kontra d-droga fosthom id-Dipartiment tad-Dwana u l-Forzi Armati ta' Malta, fejn isir qsim ta' informazzjoni u kollaborazzjoni f'operazzjonijiet speċjalment fl-ajruport u l-portijiet. Din il-kollaborazzjoni hija neċċessita' spjega is-Sur DeBattista, u jekk ma jsirx hekk ma jkunx qed jingħata servizz kif misthoqq lil poplu Malti.

*Il-Pulizija* tkellem ukoll mas-Supretendent Neil Harrison, li ilu stazzjonat f'din l-iskwadra mill-1994 u mis-sena 2003 bħala Supretendent ta' din l-istess skwadra. Mas-Supretendent Harrison tkellimna dwar realta' li din l-iskwadra tħabbat wiċċha magħha ta' kuljum, jiġifieri l-abbuż tad-droga. Kif tinduna li xi ħadd mill-familjari tiegħek jew xi ħabib qed jabbuża minn xi tip ta' sustanza illegali? Is-Sur Harrison spjega li wieħed jista' jinduna jekk jara xi tibdil fil-karrattru ta' l-individwu ikkonċernat, per eżempju isir aktar aggressiv. It-tip ta' droga li tkun qed tiġi użata mill-individwu tagħmel differenza ukoll fuq il-vittma. Per eżempju l-eroina tista' iġġib ukoll tibdil fiżiku fil-vittma, bħal telf ta' piż. Pero' ġeneralment it-tibdil li jista' jkun hemm fil-vittma isir bil-mod allura sfortunatament tal-familja ġieli ma jindunawx peress li dawn ikollhom kuntatt frekwenti mal-vittma u ċertu

tibdil żgħir ma jkunx viżibli. Iżda min-naħa l-oħra wieħed ikun jista' jara tib-dil fl-atteġjament. Il-Malti jgħid "għidli ma min tagħmilha u ngħidlek x'int" u f'dan il-każ jista' jkun veru meta tibda tara xi tibdil fil-klikka ta' ħbieb li indi-vidwu jkun qed jagħmilha magħhom. Individwu li jkun qed jabbuża mid-droga jista' jkun li jibda jfalli l-iskola jew ix-xogħol u jibda jitlef interess f'af-farijiet li qabel kien iħobb jagħmel.

Individwu li dejjem qed jispiċċa mingħajr flus jista' jkun sinjal ieħor, bħal ma jistgħu jkunu sinjali aktar ovvji bħal marki ta' titqib fl-id. X'jista' jsir meta tibda tinnota dan it-tibdil f'in-dividwu? L-għażliet sensibbli huma tnejn, titlob għall-assistenza tal-Pulizija jew għall-assistenza ta' għaqdiet bħal Caritas jew Sedqa. Kif spjega tajjeb is-Sur Harrison meta il-Pulizija jirriżultala li persuna tkun abbużat mid-droga, bil-liġi il-Pulizija hija obligata li tieħu passi kriminali kontra kull persuna jekk din tkun għalqet is-sittax-il sena. Għalkemm ċertu ġenituri jew individwi oħra jibżgħu jirrapputaw lil għeżież jew ħbieb tagħhom lill-Pulizija rigward tad-droga minħabba l-Qorti, is-Supretendent spjega li hemm il-lat pożittiv ukoll ta' meta wieħed jitressaq il-Qorti. Mill-esperjenza f'din l-iskwadra, tkellem dwar kif għal ċertu żgħażagħ l-esperjenza tal-Qorti serviet bħala it-turning point ta' ħajjithom u irrejalizzaw it-triq ħażina li kienu qabdu u llum 'il ġurnata huma 'il bogħod mill-vizzju tad-droga. Apparti minn hekk ċertu individwi għamlu pro-gramm ta' rijabilitazzjoni propju għax kellhom każ quddiem l-Qorti dwar użu jew ġieli anke traffikar ta' droga. Is-Supretendent spjega li kuntrarju għall-perċezzjoni pubblika, minn jitressaq il-Qorti fuq pussess personali ta' droga, jingħata diversi ċansijiet mill-Qorti sabiex jirriforma ruħu u ma jintbgħatx il-ħabs. Il-Qorti ukoll tagħti l-opportu-nita' li ndividwi jibdew jsegwu pro-grammi ta' rijabilitazzjoni. Meta indi-vidwi li jabbużaw mid-droga jintbagħtu l-ħabs ikunu intbagħtu minħabba li kkommettew reati oħra, bħal serq, għalkemm xorta f'dawn il-każijiet il-Qorti tagħti ċans lill-individwu jirrifor-ma ruħu. Iżda dejjem hemm limitu għax wara kollox l-individwu jista' jibda jkun ta' periklu għas-sigurta' tas-soċjeta'. U mill-ħabs individwi xorta jingħataw l-opportunita' li jsegwu pro-gramm ta' rijabilitazzjoni.

Mas-Supretendent Harrison tkellimna ukoll dwar il-diffikulta' li l-Pulizija ssib meta ġenituri jibqgħu jiċħdu li bin-hom/binthom għandha problema ta' droga jew saħansitra jabban-dunawhom meta jsiru jafu bil-proble-ma. Is-Sur Harrison spjega li meta jiġu f'kuntatt ma' individwi taħt l-eta', l-Pulizija tinforma lill-ġenituri dwar il-każ tat-tifel/tifla tagħhom. Meta l-individ-wu jkun adult allura jkun bil-kunsens tiegħu li tal-familja jiġu infurmati. Ikun hawn ġenituri li jieħdu interess u jmorru għand l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga biex jifhmu aħjar il-problema, kif ukoll hawn ġenituri li ma juri l-ebda interess fil-każ. Minn dawk il-ġenituri li jieħdu interess fil-każ, xorta jkun hemm numru li għal bidu ma jkunux jistgħu jemmnu li xi ħadd mit-tfal tagħhom inkun sab ruħu f'din is-sitwazzjoni, iżda wara li jitkellmu mal-Pulizija ta' l-iskwadra u l-problema tiġi diskussa, numru minnhom fl-aħħar juru l-apprezzament tagħhom lejn ix-xogħol tal-Pulizija. Għal dawk il-ġenituri li jkeċċu lil uliedhom li jabbużaw mid-droga, is-Supretendent spjega li din hija deċizjoni żbaljata għaliex dak it-tifel x'imkien irid joqgħod u allura ġeneral-ment jerġa' jispiċċa jfittex lil l-unika nies li jaf u ċioe l-kumpanija ħażina li kien qed jagħmilha magħhom. Veru li jkun żbalja imma dak it-tifel jew tifla jridu jingħataw ċans minn tal-familja biex jinbidlu, u jistgħu jinbidlu bl-għajnuna u bl-appoġġ ta' l-istess familja.

Ikkonkludejna din l-intervista mas-Supretendent Harrison billi saqsejnieh dwar il-fatt li għalkemm meta jwettqu qabda kbira ta' droga bħala skwadra jkun hemm ċertu sodisfazzjoni, min-naħa l-oħra kemm iħossu li d-droga hija 'gwerra' mitlufa mill-bidu? Is-Sur Harrison qal li għalih meta issir qabda sostanzjali ikunu rebħu 'battalja' imma mhux il-'gwerra'. Il-'gwerra' tibqa' dej-jem għaddejja u qatt mhu biżżejjed. Spjega ukoll li ħafna pajjiżi inkluż Malta fl-aħħar snin qed jagħżlu li jikkonċentraw fuq il-persuni u l-gruppi kriminali li jittraffikaw id-droga aktar milli fuq id-droga nnifisha, għax inutli li taqbad id-droga u ma tressaq lil ħadd il-Qorti! Għalkemm f'għajnejn il-pubb-liku is-suċċess jitkejjel bl-ammonti ta' droga li jkunu nqabdu jekk l-imħuħ warajha ikunu għadhom ma nqabdux, allura l-problema hemm tibqa', għalkemm tkun tneħħiet ammont tad-droga mit-triq. Ikun hemm diversi indi-vidwi involuti wara xi importazzjoni jew traffikar ta' ammont konsiderevoli ta' droga. Allura jkun għaqli li wieħed jistħarreġ bir-reqqa biex l-individwi kollha fiċ-'ċirku' kriminali jinqabdu u jinġiebu quddiem il-ġustizzja. Is-Sur Harrison fil-fatt reġa' għamel enfasi fuq is-sodisfazzjoni li l-iskwadra kellha meta inġiebu f'Malta ż-żewġ persuni barranin li semmejna aktar qabel u li kien ilhom jibgħatu droga lejn Malti għal snin twal.

Is-Sur Harrison ikkonkluda billi rringrazzja lill-membri kollha ta' l-iskwadra, jiġifieri l-Ispetturi, il-Kuntistabbli u s-Surġenti għad-dedikaz-zjoni tagħhom u x-xogħol importani li jwettqu f'kull operazzjoni u b'sodisfaz-



Sejba sostanzjali ta' pilloli ecstacy

# Motor Insurance

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED







Lm € FAIR
Fair-pricing Agreements In Retailing

## Motor Insurance Extensions
(conditions and terms apply)

FREE

**Third Party Insurance Only** (from 1 to 4)
1. Personal Accident
2. Medical Expenses
3. Breakage of Glass
4. Roadside Assistance in Malta following an accident

**Third Party Fire and Theft Insurance Cover** (from 1 to 9)

5. Legal Assistance for Uninsured Losses
6. Covers Personal Belongings
7. Emergency Overnight Accommodation outside Malta
8. Entertainment Equipment
9. Loss of Keys

**Comprehensive Insurance (Private Cars) Cover** (from 1 to 11)

10. Courtesy Vehicle
11. Breakdown Service (MTC)

COM: 220507C

**agents for:**

**Middlesea Insurance p.l.c.**

At Laferla, it's not just the **price** that makes our products attractive but it's also our **prompt claims settlement** which gives **peace of mind** to our clients.

**Contact us for a FREE quotation at:**

**Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 09.**
**Tel: 2122 4405, 2124 2750, 2123 5485 Fax: 2123 0558 www.laferla.com.mt**

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.


URURU SARARA
ALL THE CLIMATE CONTROL YOU NEED IN ONE APPLIANCE
www.daikin.com.mt
**The new Urura Sarara combines heating, cooling, humidification, dehumidification, ventilation and purification in one unique and stylish appliance for year round comfort.** In wintertime, Urura humidification maintains a comfortable humidity level, preventing dry skin and sore throats while actually making you feel warmer. Sarara dehumidification refreshes in the summer without changing the room's temperature. It provides comfortable dry air and prevents overcooling. Its powerful ventilation evenly fills your room and purifies in two stages, filtering out dust and pollen and eliminating viruses and odours. Because of the short time it needs to reach the perfect comfort level and because it continually scans and corrects the temperature, it never works at full power and you save on your energy bill. Daikin brings you comfort as well as low energy consumption the whole year round. **To learn more visit www.daikin.com.mt**
DAIKIN
AIR CONDITIONING
medairco
EST. 1969
Sole Agent & Distributor of Daikin Air Conditioning Equipment for the Maltese Islands
Medairco Ltd. 55, Racecourse Street, Marsa HMR 17, Malta Tel: (+356) 21 220715, 21 232068, 21 232077, 21 233023 Fax: (+356) 21 221351

zjon semma' ukoll sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell mogħtija mill-Imħallef Galea Debono liema sentenza faħħret ix-xogħol ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga billi qalet: "...b'dedikazzjoni u effiċjenza liema bħala investigaw il-każ" u "...li kieku ma kienx għall-intervent effikaċi u tempestiv tal-Pulizija...". Apprezament ieħor importanti lejn ix-xogħol ta' din l-iskwadra kien ġie espress ukoll mill-Carabinieri s-sena l-oħra, meta kienet intalbet l-assistenza tal-Pulizija Maltija f'każ li kien jikkonċerna qabda ta' żewġ tunnellati droga u li fil-fatt semmejna aktar qabel. Minn dawn il-paġni nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lejn l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga u nirringrazzjawhom tax-xogħol impekkabli li jagħmlu fil-Korp tal-Pulizija u lejn is-soċjeta' in ġenerali.

**Il-Qabdiet prinċipali ta' droga mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga**

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 (sa 31.08.07) |
|---|---|---|---|---|---|
| Cocaine | 3kg 716g | 151.122g | 6kg 398.1g | 4kg 269.078g | 3kg119.9grs |
| Heroin | 5kg 498.422g | 768.677g | 15kg 487,2g | 1kg 892.115g | 2kg511.623grs |
| Cannabis Resin | 34kg 429g | 33kg 80.579g | 19kg 662.86g | 44kg 987.31g | 1kg588.82grs |
| Cannabis Plants | 125 | 293 | 3 | 39 | 70 |
| Cannabis Grass | 24kg 532.8g | 2kg 347.284g | 1kg 886.6g | 2kg 862.94g | 39.24grs |
| Cannabis Seeds | 48,259 | 2,281 | | | 183 |
| Ecstasy (tablets) | 8,694.50 | 6,071 | 17,273 | 16,479 | 29,705 |
| MCPP (tablets) * | | | | 50,533 | |
| BZP (tablets) * | | | | 170.5 | 62 |
| BZP (grams) * | | | | 9.894g | |
| Khat * | | | | 11kg 812.3g | |

** L-ewwel darba li nstabu Malta kien fis-sena 2006*

**Numru ta' persuni li tressqu l-Qorti mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga**

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 (sa 31.08.07) |
|---|---|---|---|---|---|
| Traffikar | 61 | 143 | 93 | 116 | 69 |
| Pussess | 163 | 426 | 333 | 429 | 234 |


Chevy goes Big




Introducing the new

CAPTIVA

Redefining the way you look at an SUV

With standards such as a 2.0 TD engine, power steering, steering audio controls, ABS disk brakes, air conditioning, remote keyless entry, front, side & roof airbags & 17" alloy wheels, the Captiva sets the new standard for SUVs

Captiva

MIRA MOTORS SALES LTD
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES
Mriehel By-Pass, Mriehel.
Phone: 2278 1278 Fax: 2148 0150 Email: chevy@zamgroup.com
www.chevrolet.com.mt

CHEVROLET

# Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija fil-155 Anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija Taljana bejn il-11 u 13 ta' Mejju, 2007 fi Piazza del Popolo, Ruma

Bħas-snin preċedenti, l-Korp tal-Pulizija ta' Malta din is-sena reġa' ġie mistieden sabiex jattendi ċ-ċelebrazzjonijiet tal-fondazzjoni tal-Pulizja Taljana li jsiru ġewwa Piazza del Popolo, f'Ruma.

Din is-sena l-Pulizija Maltija kien rappreżentata mis-Surġent 1074 Luke Stivala u l-Kuntistabbli 40 Raymond Saliba stazzjonati l-Iskwadra Mobbli u l-Kuntistabbli 737 Kurt Dilan Underwood, stazzjonat l-Għassa Ħaz-Zabbar.

Jipparteċipaw mal-Pulizija Maltija f'dan l-avveniment kien hemm Pulizija mill-Ġermanja, Spanja, Franza, Polonja, Rumanija, Slovakja, Awstrija, Slovenja, r-Repubblika Ċeka.

L-avventura tal-Pulizija Maltija, wara t-tluq bil-katamaran, bdiet minn Katanja fejn kienu eskortati mill-Pulizija Stradale sa l-Akkademja tal-Pulizija Nettuno li tinsab fil-periferija ta' Ruma, fejn ġew alloġġjati l-Pulizija barranija kollha.

Kienet organizzata mawra madwar Ruma mill-Pulizija Taljana, fejn wieħed seta' japprezza postijiet bħal Vatikan, il-Kolossew, Fontana di Trevi, Isola Tiberina li tinsab fix-xmara Tevere u postijiet oħra ta' interess.

Saru l-aħħar irtoki fuq il-vetturi fil-garage ta' l-Iskwadra Volante fejn wieħed ma jistax ma jsemmix il-fatt li l-Pulizija Maltija kienet preparata sa snienha fejn jidħol materjal ta' tindif tal-vetturi. Kien hawnhekk li l-kollegi tal-pajjizi mistiedna daru mal-Pulizija Maltija sabiex jisselfu dak kollu meħtieġ sabiex inadfu l-vetturi tagħhom.

Fil-ġranet li segwew, l-attivitajiet organizzati sabiex jikkumplementaw din il-ġurnata kienu varji. Fost dawn l-attivitajiet kien hemm esebizzjoni ta' sezzjonijiet varji fi ħdan il-Pulizija Taljana, esebizzjoni mgħotija mill-Alpine Training Centre, esebizzjoni mill-muturi u vetturi, u esebizzjoni mis-Sezzjoni tal-Klieb kif ukoll mill-Banda tal-Pulizija.

Kienu varji l-persuni distiniti li żaru din l-esebizzjoni, fosthom il-President Taljan Romano Prodi li dar ma' l-istands kif ukoll baqa' għad-defile' tal-vetturi tal-Pulizija kif ukoll assista għal kumplament ta' l-attivitajiet organizati.

In-nies li żaru din l-attivita' laqgħu tajjeb il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija, fejn id-domandi fuq ix-xogħol kif ukoll fuq Malta ma naqsux. Ambaxxaturi tajbin mhux biss tal-Pulizija Maltija iżda wkoll ta' pajjiżhom!

Fl-aħħar ta' din l-esperjenza l-membri tal-Pulizija attendew għall-ikla informali fejn kienu maqsuma esperjenzi fuq ix-xogħolijiet varji kif ukoll fuq il-ġranet li kienu għadhom kif għaddew.

It-tliet membri li pparteċipaw minn dawn il-paġni xtaqu jirringrazjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo talli għoġbu jagħżel lilhom sabiex jirrappreżentaw lill-Korp tal-Pulzija, kif ukoll ta' l-opportunita' li jiftħu iktar l-orrizonti tagħhom fejn jidħol xogħol pulizjesk kif ukoll personali.

















# Europportunities from Valletta Fund Management

Opportunities from VFM



**La Valette High Yield Fund**

**La Valette Euro Income Fund**

**La Valette Multi Manager Property Fund**

**Vilhena European Multi Manager Fund**

**Vilhena Dynamic Multi Manager Fund**

## If you are seeking euro denominated investment opportunities... look no further.

Valletta Fund Management offers a comprehensive range of **euro denominated investment funds** that invest in the main asset classes namely, **cash**, **bonds**, **equities** as well as **real estate property** and **absolute return funds**.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group
Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licensed Financial Intermediaries

Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may also affect the value of the investment. The value of real estate property is inherently subjective due to the individual nature of each property. Investment in the real estate property market is, by its nature, relatively illiquid and therefore redemption requests may be deferred or suspended as more fully described in the Supplementary Prospectus. Investments should be based on the full details of the relevant prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM and the investment funds are licensed by the MFSA. The La Valette Multi Manager Property Fund is licensed by the MFSA as a Professional Investor Fund and may only be promoted to Experienced Investors. Issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565, email: infovfm@vfm.com.mt.

campaign for real beauty | at dove.com



If soap dries itself, imagine what it can do to your skin.

But Dove isn't soap. It contains pure 1/4 moisturising cream, richly blended with its mildest cleansers, so your skin can hold on to more moisture. Everyday moisture is the key to beautiful skin. And who knows moisture better than Dove?

Dove Beauty Cream Bar



# Ir-Razziżmu bħala reat Kriminali (1) (1996 - 2007)

Mill-1996 'l hawn ir-razziżmu, taħt diversi forom, sar reat kriminali fih innifsu jew aggravju għal reati eżistenti u dan permezz ta' artikli 82A, 214 sa 221, 222A, 249, 250, 251A, 251B, 311, 312, 314A, 316, 317 sa 320 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll artiklu 6 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), artiklu 13(2)(a) ta' l-Att dwar ix-Xandir (Kap.350) u Avviż Legali 85 ta' l-2007 li joħroġ mill-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460). Qabel din id-data, id-diskriminazzjoni razzjali ma setgħetx tiġi ndirizzata ħlief bir-rimedju tal-Qorti Kostituzzjonali u dana skond il-Kostituzzjoni u Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn huma r-reati f'aktar dettal u f'din l-ewwel parti ta' l-artiklu se nibda mill-aktar liġijiet riċenti jiġifieri AL 85 ta' l-2007. Fit-tieni u l-aħħar parti nitkellem dwar il-Kodiċi Kriminali, l-Att dwar l-Istampa u l-Att dwar ix-Xandir.

**Att dwar l-Unjoni Ewropea – AL 85 ta' l-2007**

Wara l-emendi ta' Awissu 2006 fil-Kodiċi Kriminali kienet introdotta d-Direttiva tal-Kunsill numru 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar it-trattament ugwali bejn persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom. Dan sar permezz ta' l-Avviż Legali 85 ta' l-2007 intitolat "Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni", li daħal fis-seħħ f'April 2007, liema AL inħareġ taħt Kap. 460, l-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Ta' min jiġbed l-attenzjoni għal dan l-AL għax jintroduċi reati kriminali inforzabbli mill-Pulizija li forsi normalment infitxuhom taħt il-Kodiċi Kriminali, l-Att dwar l-Immigrazzjoni jew xi liġijiet simili, u forsi ħadd ma jgħaddilu minn moħħu jfittex taħt Kap. 460. Ovvjament, il-fatt li r-reati jidhru taħt dan l-AL ma jeskludix il-possibilita' ta' azzjoni taħt liġijiet oħra.

Dan l-AL hu daqsxejn partikolari għaliex jintroduċi awtorita' ġdida li l-Pulizija se jkollha kuntatt magħha, u ċioe il-Kummissarju għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza. Dan il-Kummissarju għandu/ għandha r-rwol definit f'Kap 456 (Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2003) iżda l-AL 85 wessa' l-poteri sabiex apparti l-ugwaljanza bejn is-sessi tiżdied l-ugwaljanza razzjali. B'hekk l-awtorita' ewlenija fil-pajjiż li xogħolha hu li jiżgura li ma jkunx hawn diskriminazzjoni razzjali hija vestita f'dan il-Kummissarjat / Kummissjoni għall-Ugwaljanza, iżda ovvjament dan ma jeskludix il-poter ta' infurzar li jaqgħu taħt awtoritajiet oħra fil-pajjiż fosthom il-Pulizija.

Peress li l-infurzar tal-liġi kontra reati hija f'idejn il-Pulizija, se jibda jinħoloq kuntatt ma' din il-Kummissjoni, u dan permezz ta' regolament 9(1) li jgħid li min jinvestiga ilment ta' razziżmu li joħroġ mill-AL għandu jagħti rapport lill-partijiet involuti (eż. il-vittma, il-Kummissarju għall-Ugwaljanza jekk l-ilment ikun tressaq mill-Kummissjoni) fi żmien għaxart'ijiem minn meta jsir ir-rapport/talba għall-istħarriġ. Din hija prassi li tintuża mill-istess Kummissjoni f'materji oħra u li toħroġ mid-diversi Direttivi Ewropew li jirregolawha. Hu mportanti li dan ir-regolament jiġi obdut għaliex jista' jikkostitwixxi reat kontra d-dixxiplina tal-Pulizija.

Fil-fatt, il-Kummissarju għall-Ugwaljanza jista' jibda investigazzjonijiet fuq kull materja li tinvolvi xi att jew ommissjoni li tmur kontra l-Ordni iżda dan ma jfissirx li l-Pulizija għandha tistenna li tirċievi direttiva, jew l-ilment tal-vittma – jekk il-każ isir f'post pubbliku r-reat jiġi ex-ufficio bħal reati oħra fil-Kodiċi Kriminali.

Il-piena tinvolvi **multa mhux iżjed minn Lm1000 jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew il-multa u l-priġunerija flimkien:**

Dawn huma r-reati l-ġodda:

1. Fastidju Razzjali:

Skond l-AL, "fastidju" tfisser li "tassoġġetta lil persuna għal xi att, talba jew imġieba li dik il-persuna ma tieħux gost bihom, inklużi kliem megħud, ġesti jew il-produzzjoni, wiri jew ċirkolazzjoni ta' kliem miktub, stampi jew materjal ieħor," u "tagħti fastidju" lil persuna għandu jkun interpretat bl-istess mod. Il-fastidju hu diskriminatorju meta jkun relatat ma' oriġini razzjali jew etnika u jmur kontra d-dinjita' ta' persuna, fejn joħloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Huwa differenti minn 251D, jiġifieri l-fastidju skond l-artiklu 251A u skond artiklu 251B (l-biżgħa mnissla minn fastidju kontra persuna jew propjeta' mill-persuni msemmija fl-artiklu 222A); u skond art. 251C il-fastidju jinkludi wkoll meta tagħti qatgħa jew iddejjaq. Dawn l-artikli għandhom l-aggravju (kif imsemmi aktar qabel). Id-differenza tinstab fil-fatt li l-fastidju fil-Kodiċi jimporta aġir jew imġieba b'mod dubjuża li min jagħmilha jmissu jkun jaf li qegħda ddejjaq lil ħaddieħor u li jsir b'ċertu konsistenza ripettittiva jew fuq perjodu ta' żmien, jew iktar minn darba. Skond l-ispjegazzjoni mogħtija fl-artiklu, "persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjes ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra."

Il-fastidju skond AL 85 huwa att li jista' jsir kemm darba biss kif ukoll

# PRO PLAN®, protect them from an early age.






PRO PLAN®. PROTECTS WHILE IT NOURISHES.

Available from your local Pet Shop

Wembley Stores Co. Ltd.
305, Republic Street, Valletta.
Customer Care 2122 5147

PURINA®
Your Pet, Our Passion.®

b'mod ripetut. Hemm xi naqra *'overlapping'* ma' l-Att dwar l-Istampa fejn jissemmew ċirkolazzjoni ta' kliem miktub, stampi jew materjal ieħor pero' il-piena ta' AL 85 għandha bejn wieħed u ieħor id-doppju tal-limitu għax hi multa ta' massimu ta' Lm1000 jew/u priġunerija ta' massimu ta' sitt xhur, mentri fl-Att dwar l-Istampa hemm inflitta piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tlett xhur u multa. Mill-banda l-oħra, pero', Kap. 248 jinkorpora razziżmu "u reati oħra" jiġifieri apparti razza u twemmin (bħal AL85) hemm inklużi wkoll kulur, nazzjonalita', sess u diżabilita'.

Distinzjoni oħra bejn il-fastidju fil-Kodiċi u f'AL 95 issibha fid-'defences':

**Kodiċi Kriminali**

*251A (3):*
*(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt;*
*(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi;*
*(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli*
*251B (3): (a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew*
*(b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.*
*6(b):*

**AL 85 ta' l-2007 (Kap 460)**

*2(3)*
*F'każ ta' attivitajiet okkupazzjonali partikolari jew minħabba fil-kuntest li fih dawn isiru, il-prova ta' 'rekwiżit okkupazzjonali' ġenwin għandu jaqa' fuq il-persuna li tallega l-eżistenza tiegħu*
*6(b) il-persuni responsabbli (managers, sidien ta' stabbilimenti, min jagħti servizz, entitajiet, skejjel, eċċ) jistgħu jġibu prova b'difiża tagħhom li huma jkunu ħadu dawk il-passi li jkunu raġonevolment prattikabbli biex jevitaw dak il-fastidju*
*13(1): il-prova li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni għandu jaqa' fuq il-persuna, stabbiliment jew entità li kontrihom tkun diretta l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni*
*14(1) prova li r-reat ikun sar bla ma l-persuna responsablli kienet taf hi u li hija kienet imxiet bid-diliġenza kollha dovuta biex ma tħallix li r-reat isir*

**2. Diskriminazzjoni Razzjali**

"Diskriminazzjoni" tfisser diskriminazzjoni diretta jew indiretta bażata fuq oriġini razzjali jew etnika, u timporta kemm azzjoni kif ukoll omissjoni (act or omission):

- Diskriminazzjoni Diretta: skond reg. 2(2)(a) isseħħ meta persuna tiġi trattata inqas favorevolment minn kif persuna oħra tkun jew kienet tkun ittrattata f'sitwazzjoni simili;
- Diskriminazzjoni Indiretta: skond reg. 2(2)(b) titqies li tiġri meta disposizzjoni, kriterju jew prattika li jidhru newtrali jistgħu jqiegħdu l-persuna fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra kemm-il darba l-kriterji / prattika użati ma jkunux ġustifikati minn skop leġittimu, u l-mod ta' kif jintlaħaq dan l-iskop ikun wieħed addattat u meħtieġ.

Din it-tifsira tkompli tinfetaħ f'regolament 4, fejn isir reat kemm-il darba persuna, stabbiliment jew entita', kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi , tiddiskrimina kontra xi persuna oħra dwar a) protezzjoni soċjali, inklużi sigurta' soċjali u kura tas-saħħa; b) vantaġġi soċjali; ċ) edukazzjoni; d) aċċess għal u provista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inklużi d-djar; u e) aċċess għal kull servizz ieħor skond ma jiġi msemmi bil-liġi għall-finijiet ta' din l-Ordni.
Dan ma japplikax biss għal stabbilimenti li tradizzjonalment huma assoċjati ma' divertiment jew turiżmu iżda wkoll għal banek, istituzzjonijiet finanzjarji, kumpaniji ta' assigurazzjoni sakemm ma jeżistux kunsiderazzjonijiet ġenwini bażati fuq ir-riskju finanzjarju fl-għoti tal-faċilitajiet/ kopertura ta' l-assigurazzjoni. Jiġifieri jekk xufier ta' xarabank kemm ta' trasport pubbliku kif ukoll privat iċaħħad persuna milli tuża s-servizz minħabba razziżmu, għandhom jinġiebu c-charges skond regolament 4(d).

Dawk il-Pulizija li fid-Distrett tagħhom għandhom żoni jew stabbilimenti ta' divertiment għandhom joqgħodu b'seba' għajnejn għal regolament 4(2) li jgħid li hu reat meta persuna responsabbli għal xi stabbiliment / entita' tonqos milli tissoprimi l-fastidju (omission din id-darba, mhix commission ta' reat), u dan in-nuqqas għandu jikkostitwixxi diskriminazzjoni.

**3. Vittimizzazzjoni tal-Kwerelant**

Persuna li tkun ressqet ilment lill-awtoritajiet, bdiet proċeduri jew żvelat informazzjoni dwar atti ta' diskriminazzjoni ma tistax tiġi vittimizzata (reg. 7). Il-kliem eżatt hu "ħadd ma jista' jivvittimizza" jiġifieri huma nklużi saħansitra l-persuni li suppost jagħtu l-protezzjoni lill-istess vittma. Dan jammonta għal forma ta' diskriminazzjoni u jġorr l-istess piena.

**4. Riklami razzisti (kontravvenzjoni)**

"Riklam" tfisser kull forma ta' riklam, kemm jekk lill-pubbliku jew le, u kemm f'gazzetta, magazin jew pubblikazzjoni oħra, fuq it-televiżjoni jew radju jew fuq l-internet jew bil-wiri ta' avviż, kartellun, billboard, trailer jew volantin kemm b'kull mezz ieħor, u referenzi għall-pubblikazzjoni jew il-wiri ta' riklami għandhom ikunu interpretati bl-istess mod." Kulmin jippubblika, juri jew iġiegħel li jkun muri xi riklam li jippromwovi diskriminazzjoni jew li jista' raġonevolment jinftiehem li jindika intenzjoni li ssir diskriminazzjoni, ikun ħati ta' reat kontravenzjonali (reg. 8).

Skond l-AL 85, f'każ ta' soċjeta', kumpanija, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni r-responsabbilita' taqa' fuq id-direttur, manager, segretarju jew uffiċjal simili ieħor li jkun responsabbli, u għaldaqstant iċ-charges għandhom jinħarġu skond dan il-kriterju.

*L-artiklu ġie miktub minn Dr. Spettur Mary Muscat It-tieni parti ta' l-artiklu tidher fil-Ħarġa ta' Diċembru, 2007*

more value at JB





# New... Autumn Winter Stock Now In !









Curtain Fabric
Household Goods
Wooden and Iron Poles
Ready Made Fashionwear
Towels and Beach Towels
Occasion & Fashion Fabric



JB STORES

Iklin Road - Lija - Tel: 23314301/3
OPEN ALL DAY





PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

# *Fl-Okkazjoni tal-193 sena mit-twaqqif tal-Korp*







## Funzjoni fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata















## Wirja ta' l-Annimali





## Esebizzjoni ta' delizzji minn membri tal-Korp











## Charity Ride sad-Dar tal-Providenza mill-membri tal-Korp u Ħbieb





## Attivita' f'Hal Tarxien










## Attivita' fil-Kalkara





# Jum il-Pulizija – 12 ta' Lulju, 2007

Quddiesa pontifikali fis-Sala Vilhena





Bidu għad-Defile' ġewwa Pjazza San Ġorġ

















303


MP 56














POLIZIA









MOBILE
POLICE STATION






















Riċevimenti li saru għall-Pulizija u l-Pensjonanti u Uffiċjali tal-Korp





## Jum il-Pulizija ġewwa Għawdex – 13 ta' Lulju, 2007


















Ix-xorb dan biss
jiflaħ għalih...
Lilek Ikissrek!
NTA MARIA
Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104

# Żjara tal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea Franco Frattini fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja

Fil-5 ta' Lulju, 2007 il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja laqgħa fi ħdanu l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Franco Frattini, liema żjara kienet tagħmel parti miż-żjara tiegħu f'Malta fejn kellu diversi taħdidiet ma' diversi Ministri u awtoritajiet waqt li kienet għaddeja l-operazzjoni Nautilus II.



Il-Kummissarju Frattini żar l-uffiċini minn fejn ser tibda topera l-International Relations Unit (IRU), fejn ġie spjegat lilu l-funzjonijiet varji li jaqgħu taħt il-kappa ta' din is-Sezzjoni, liema Sezzjoni taqa' taħt l-inkarigu ta' l-Assistent Kummissarju Andrew Seychell.



Imdawwar b'ġurnalisti Maltin u barranin, l-Kummissarju Frattini impressjona ruħu bil-karatteristiċi strutturali tal-post u mhux b'inqas tal-veduta, fejn il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo spjegalu li dak li kien qiegħed jara kien kollu frott ta' ħidma għaqlija magħmula mill-membri tal-Pulizija.



Is-Sur Seychell kompla jispjega li Malta kienet wieħed mill-ewwel pajjiżi li affiljata fl-Interpol fil-bidu tas-sebgħajnijiet. Is-sistema użata llum titħaddem fuq bażi ta' erbgħa u għoxrin siegħa.

Ġiet spjegata wkoll il-funzjonijiet tal-Europol, fejn Malta ilha tikkopera mal-Europol sa mis-sena 2003, fejn illum il-ġurnata Malta anke għandha Uffiċjal ġewwa The Hague. Fejn tidħol is-Sezzjoni tas-Sirene Malta qed tiġi mgħejuna minn esperti Taljani fi ħdan din l-istess Sezzjoni, fejn anke l-Pulizija li jagħmlu parti minn din is-sezzjoni qed ikunu mħarga minn espert Taljan.



Iż-żjara giet fi tmiema fl-Uffiċju tal-Kummissarju John Rizzo fejn il-Kummissarju Frattini ffirma wkoll il-ktieb tal-vizitaturi u ngħataw tifkiriet ta' l-okkażżjoni miż-żewġ naħat.




# EXQUISITE

a blend of incomparable & exclusive surroundings
for that very special & intimate occasion




Hospitality assured

The Definitive(ly) GoodGuide Co. to RESTAURANTS in Malta & Gozo

BACCHUS
FINE DINING

INGUANEZ STREET - MDINA

Reservations 21 454981 • E-mail: reservations@bacchus.com.mt • www.bacchus.com.mt



# Kompliċita' - Concursus Delinquentium (1)

Dr Jason Grima B.A. LL.D.
Surġent (1454), Uffiċju Legali

Fil-liġi Maltija hemm ċerti offiżi kriminali li ma jistgħux jiġu miksura jekk ma jkunx hemm il-konkorrenza jew il-parteċipazzjoni ta' tnejn jew aktar minn nies. Eżempju ċar ta' dan huma ċertu offiżi li nsibu fil-Kodiċi Kriminali bħal konfoffa u l-bigamija. F'dawn ir-reati bilfors irid ikun hemm żewġ persuni. Pero' apparti minn dawn l-offiżi kriminali, hemm ukoll istanzi fejn offiża li tista' tiġi kommessa minn persuna waħda tkun il-prodott ta' attivita' kollettiva' ta' tnejn jew aktar persuni - concursus delinquentium. Dan li ġej huwa sinteżi ta' spjega qasira u żgur mhux konkluživa, iżda kemmxejn sempliċi, tal-kompliċita' f'reati kriminali taħt il-liġi Maltija.

Minħabba diffikulta' ta' spazju din is-senteżi se tkun maqsuma f'żewġ partijiet. L-ewwel parti se tagħti spjegazzjoni teoretika tal-kompliċita' u t-tieni parti li se tidher fil-ħarġa li jmiss se tittratta ċ-ċirkustanzi kkontemplati speċifikament fil-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

**L-EWWEL PARTI**

Min u l-kompliċi? Differenti minn kodiċi kriminali ta' pajjiżi oħra, il-Kodiċi Kriminali Malti jirrikonoxxi żewġ modi kif persuna tista' tieħu sehem f'offiża. Fi kliem ieħor il-Kodiċi Malti jgħarraf lill-awtur u l-kompliċi bħala figuri li jistgħu ikunu kriminalment responsabbli.

Il-prinicpju ġenerali huwa li l-persuna li direttament u immedjatament tikkawża l-actus reus ta' l-offiża tkun l-awtur. Tista' tgħid li kważi dejjem din il-persuna tkun dik li personalment tikkommetti l-att projbit mill-liġi. Jista' jagħti l-każ pero', illi l-actus reus jiġi kommess minn persuna oħra li tkun innoċenti skond l-artiklu 47 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-qasir dan l-artikolu jgħid illi jekk reat jiġi kommess minn persuna li ma tkunx kriminalment responsabbli jew inkella minn persuna li fuqha tkun ġiet użata forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għalija, f'dawn iċ-ċirkustanzi ma hemmx kompliċita'. Biex niftehmu aħjar, nista nagħtikom żewġ eżempji.

Ejja nagħtu l-każ illi missier iqabbad lill-ibnu ta' ħames snin biex jitfa' ġebla biex ifarrak ħġieġa ta' karrozza jew inkella tabib permezz ta' pistola jhedded nurse biex tikkommetti abort. F'dawn il-każijiet m'hemmx kwistjoni ta' kompliċita' iżda kemm il-missier kif ukoll it-tabib ikunu ħatja bħala l-uniċi awturi.

Jista' ukoll ikun hemm iktar minn persuna waħda li tieħu sehem direttament fil-kommissjoni ta' actus reus. F'dawn il-każijiet ikollna iktar minn awtur wieħed u f'dawn iċ-ċirkustanzi nirreferu għalihom bħala ko-awturi. Bħala eżempju nista' naċċena għal każ meta persuna tiġi msawta minn tlieta minn nies kontemporanjament.

Nies oħra li b'xi mod ieħor ikunu involuti fil-kommissjoni ta' reat mingħajr ma' direttament jieħdu parti fl-eżekuzzjoni immedjata tar-reat ikunu responsabbli bħala kompliċi.

Meta nitkellmu fuq il-kompliċi rridu nżommu f'moħħna l-elementi bażiċi ta' kull ħtija kriminali. L-ewwelnett biex nitkellmu fuq kompliċita', il-kompliċi jrid ikun konsapevoli ta' x'qiegħed jagħmel. Irid ukoll ikun liberu f'dak li qiegħed jagħmel. Għalhekk dak li jkun qiegħed jagħmel irid ikun qiegħed jagħmlu minn jheddu. Barra minn hekk irid ikun hemm ukoll element ieħor preżenti, dak li bil-lingwa Ngliża nirreferu għalih bħala il-'common design'. Biex ikun hemm kompliċita' irid jiġi ppruvat illi l-awtur kif ukoll il-kompliċi kienu qiegħdin jaġixxu flimkien u in komun għall-eżekuzzjoni ta' skop kriminali wieħed. It-tnejn irid ikollom l-istess ħsieb li jikkomettu l-istess reat u jagħmlu xi ħaġa biex dan l-istess reat jiġi effetwat. L-awtur u l-kompliċi jrid ikollhom intendiment wieħed firrigward ir-reat kontemplat. Huwa dan l-element partikolari li jagħmel il-prosekuzzjoni ta' persuni nvoluti f'kriminalita' organizzata diffiċili u għal din ir-raġuni fis-sena 2002 ġie introdot l-artiklu 83A fil-Kodiċi Kriminali hekk riferut bħala 'Promozzjoni etċ ta' għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reat kriminali'.

Fid-dawl ta' dan, il-kompliċi huwa dik il-persuna li konxjament u bi ftehim ma' l-awtur tkun iffaċilitat b'xi mod il-kommissjoni tar-reat mingħajr ma' tkun ħadet sehem f'att innifsu li jikkostitwixxi l-actua reus tar-reat.

Irridu niftakru wkoll illi l-intenzjoni kriminali biss mingħjar l-ebda involviment fil-kompletazzjoni ta' l-offiża m'hiex bizzejjed biex nargumentaw li persuna hija kompliċi. Fil-fatt irid ikun hemm xi att estern li jkun iffaċilita' il-kommissjoni tar-reat. Bħala eżempji nista' nsemmi l-provediment ta' xi għodda li tagħti kuraġġ jew tagħti xi tip ta' assistenza. Għal din ir-raġuni qatt ma jista' ikollna dik li fil-kamp legali nsejħula bħala 'kompliċita' negattiva'. Qatt ma jista' ikollna kompliċi minħabba li persuna tkun sempliċiment u materjalment

preżenti għall-kommissjoni tar-reat u ma għamlet xejn biex timpedih. Irid jiġi pruvat li l-preżenza tal-kompliċi kienet akkumpanjata minn attijiet li rrendew possibbli l-eżekuzzjoni tar-reat.

Mill-banda l-oħra l-kunċett ta' kompliċita' negattiva ma nistgħux inħaltuh ma' meta persuna konxjament tonqos milli tagħmel xi ħaġa bi ftehim ma' l-awtur biex tiffaċilita' il-kommissjoni tar-reat. Dawk l-ommissjonijiet li persuna taghmel biex tikrea stat ta' fatt li jiffavorixxu l-awtur fil-kummissjoni tar-reat jew inkella jiffaċilitaw il-ħajja ta' l-awtur iġorru wkoll ir-responabbilita' kriminali tagħhom. Per eżempju huwa kompliċi dak li jkun jaħdem ġo stabbiliment kummerċjali u jħalli l-bieb ta' barra miftuħ biex sħabu jkunu jistgħu jidħlu jisirqu.

Li wieħed jinstab ħati ta' kompliċita' għax għamel xi ħaġa wara l-kummissjoni tar-reat hija wkoll xi ħaġa li ma tistax tiġi aċċettata. Dak kollu li jsir wara r-reat ma jistax jagħti lok għal kompliċita'. Jekk persuna taħbi fugask mill-ħabs m'hiex kompliċi fl-att tal-ħarba. Mill-banda l-oħra, pero', dan l-att jista' jikkostitwixxi reat sui generis.

Kompliċita' f'offiża wkoll ma tistax tiġi punibbli jekk l-offiża ma tiġix kompletata. Biex tinstab xi ħtija kriminali irid minn ta' l-inqas ikun hemm każ ta' attentat. Jekk ikun hemm biss il-ħsieb u atti preparatorji iżda ma jkunx hemm il-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt ma jistax ikollok kompliċi. Fil-fatt, jekk l-atti magħmula mill-kompliċi ma jkunux punibbli fihom infushom, ma nistax nieħu passi kriminali kontrih għas-sempliċi raġuni li l-ebda delitt jew attentat ma seħħ.

Liema huwa dawk l-atti li l-liġi tagħna tħoss li huma punibbli u tqis il-persuna li tagħmilhom bħala kompliċi? Dawn l-atti nsibuhom fl-artiklu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Taħt dan l-artiklu nsibu istanzi fejn persuna titqies kompliċi minħabba li tkun moralment ipparteċipat fil-kommissjoni tar-reat. Insibu wkoll istanzi oħra fejn il-parteċipazzjoni fiżika ta' persuna fil-kommissjoni tar-reat li tirrendi persuna kompliċi fl-istess reat. Dawn nispjegawhom fil-ħarġa li jmiss.


UBS (Lux) Key Selection SICAV Global Allocation (GBP) B



9.01%*

- Do you want to invest in a mixed global portfolio consisting of equities and bonds?
- Do you wish to benefit conveniently via a single transaction from the proven asset allocation expertise of experienced investment professionals?

*For the period 31st August 2006 - 31st August 2007

GLOBAL DIVERSIFICATION • FLEXIBLE ASSET ALLOCATION • PROVEN EXPERTISE

UBS Global Asset Management

Freedom Square, Valletta
TELEPHONE: 2122 6190
FREEPHONE: 800 73339
EMAIL: info@crystal.com.mt
WEBSITE: www.crystal.com.mt

CRYSTAL Finance Investments
Representative for UBS Investment Funds in Malta

This advert is published by Crystal Finance Investments Ltd. UBS (Lux) Key Selection Sicav Global Allocation (GBP) B is regulated by the CSSF in Luxembourg. The funds are marketed in Malta in terms of the EU Directives. Past performance is no guarantee for future trends and the value of investments may go down as well as up. Investors should not invest in a fund before reading the prospectus as well as the annual and semi-annual reports. Units of the fund are not available for sale to US persons and/or in the USA. Taxes are not taken into account. Currency fluctuations may have an effect on the value of your investments and on any income (where applicable) derived therefrom. Crystal Finance Investments Ltd. is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority.



# When was the last time you had some fun saving money?

Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

**The best prices and the widest choice with ongoing offers for a fun-shopping experience.**

Spend Lm40 and get 1 free case of local mineral water & 1 free case of local soft drinks!



The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520 - Fax: 2138 8241
Psaila Street, St Venera - Tel: 2148 0807 - Fax: 2148 5559

**PART OF THE GS GROUP OF COMPANIES**




**Tel: 79 495 748 / 79 472 503**
**Fax: 21 440738 / 21 375 122**
**Email: eurojet@tumas.com**

TUMAS
GROUP
www.tumas.com

# Digital Forensics & Investigations Course at the Police Academy



Insp. Paul Caruana
Cybercrime Unit

Members of the Malta Police Force attended a seven day training programme entitled "Digital Forensics & Investigations Consultation" that was organised with the cooperation and assistance of the United States Department of State through the ATA programme. This initiative was made possible through the close ties that the Malta Police Force has with the US Embassy.

Training programmes of this quality are something very rare so it was understandable that the Malta Police should gladly accept this unique offer to train police officers investigative skills necessary to tackle computer related crime.

For the purpose of this training program three excellent trainers - Eugene Murphy, Lance Mueller and Steve Williams - were provided by the US Government. The quality of these trainers immediately appeared to be of a high standard and by the end of the program all participants were grateful for the experience and knowledge of the appointed lecturers.

The initiative was inaugurated in the presence of Her Excellency the Ambassador Molly Bordonaro and the Commissioner of Police Mr. John Rizzo. In their opening speech both personalities highlighted the importance of co-operation between law enforcement in a bid to combat terrorism and organised crime. Commissioner Rizzo expressed his sincere gratitude towards the US for providing such a training opportunity that represented a challenge for the Malta Police to not only acquire new skills, but also to increase its level of efficiency in dealing with computer related crime.

**Course Content**

The content of this consultation and training programme was both extensive and informative. The overall objective intended to give the participants a better understanding of the various fields related to digital evidence investigations.

The first subject that was treated was **Networking Concepts**. After a detailed explanation of the different kinds of networks, participants were introduced to a number of devices that structure networks and the different types of evidence that could be retrieved from them. This topic made the participants more aware of the number of different processes which are automatically triggered by one's computer system when using the Internet or through working in a networked environment.



Another topic, which was dealt with in great detail was **Incident Response**. This is considered to be the most important stage throughout investigating computer related crime. Training was focused towards incident responders who were given the responsibility of managing crime scenes and to ensuring that evidence is preserved and transported safely for further analysis. The various subjects discussed during this presentation provided a methodology that if adopted would safeguard the security and integrity of the collected evidence. The instructors emphasised that such preparations must be made in a systematic approach in order to ensure the validity of any evidence seized should it be presented in Court in the future. Participants were also shown how to properly preserve and document a crime scene and the approach that must be followed when seizing items identified as being potential evidence. A number of different tools, such as specialised software, and equipment that are used during the seizure of any type of digital evidence were shown and made available to the participants.

